# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2002.**

**Kawza Numru: 12**

**Citaz. Nru. 1200/99GV**

Doc. 182-02

**Dottor Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentenza tas-socjeta' estera Through Transport Mutual Insurance Association (Eurasia) Limited u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Express Trailers Limited**

**vs**

**Zammit Transport Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' Express Trailers Limited kienet inkarigat lis-socjeta' konvenuta biex tittrasportalha *Trailer* numru ETM 68 mghobbi b'konsenja ta' *jeans* minn Malta lejn il-Belgju u dan in

segwitu tal-inkarigu gja moghti lilha minn VF (Malta) Limited u dan taht il-kondizzjonijiet ta' garr maghrufa bhala CMIR Rules;

Premess illi skond il-kondizzjonijiet tal-precitati CMIR Rules is-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghat-telf ta' u / jew hsara fil-merkanzija; is-socjeta' konvenuta naqset milli tikkonsenja dan it-*trailer* bil-merkanzija kollha ghaliex waqt illi kien qed jingarr gewwa Reggio Calabria fl-Italja, insteraq;

Premess illi bhala risultat l-assikurat tas-socjeta' attrici sofra danni ammontanti ghal tmintax-il elf erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm18,423.00) liema ammont jirraprezenta pagament li l-istess socjeta' assikurata kienet obbligata taghmel a favur tal-awtoritajiet taljani bhala pagament tal-IVA jew taxxa fuq il-vapur tal-merkanzija bhalli kieku din giet konsenjata gewwa l-Italja, kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi s-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici;

Premess illi s-socjeta' attrici kif obbligata illi taghmel a bazi tal-polza ta' assikurazzjoni hallset lis-socjeta' assikurata maghha is-somma ndikata ta' tmintax-il elf erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm18,423.00) u b'hekk giet surrogata fid-drittijiet taghha;

L-attur nomine talab lil din il-Qorti biex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi huma unikament responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-assikurat tas-socjeta' attrici fil-merkanzija in kwistjoni meta din kienet fil-pussess taghhom u li allura kienu responsabbli ghaliha kif fuq intqal;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmientax-il elf erba' mija u tlieta u ghoxrin liri Maltin (Lm18,423.00), in linea ta' danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici u lilu mhallsa kif gja intqal;

Bl-ispejjez, oltre l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 28 tal-process fejn eccepiet:

1 illi d-domandi altrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta m'hiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur billi ma kien hemm ebda negligenza *da parti* tas-socjeta' konvenuta.

2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-assikurat tas-socejta' attrici fil-

merkanzija in kwistjoni meta din kienet fil-pussess taghhom u li allura kienu responsabbili ghaliha; konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm18,423.00 *in linea* ta' danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici u lilu mhallsa.

**ECCEZZJONIJIET**

Is-socjeta' konvenuta eccepiet li m'hiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur billi ma kien hemm ebda negligenza *da parti* tas-socjeta' konvenuta.

**PROVI**

**Noel Ellul,** impjegat ma' l-United Insurance Brokers, xehed li Express Trailers kienu inxurjati maghhom. Huma kienu nkarigaw lill-konvenuti jittrasportaw *trailer* mghobbi *jeans* ghal Belgju u dana inhataf meta kien l-Italja, f'Salerno. It-*trailer* kien tal-Express Trailers mentri t-*tractor unit* kien tal-konvenuti. Kellha timtela T form bhala garanzija li l-merkanzija ma tibqax l-Italja. Billi l-merkanzija ma waslitx ghand il-konsenatarju l-awtoritajiet Taljani bdew l-investigazzjoni u saret talba ghal Vat fl-ammont ta' Lm18,777.86 Dok. C a fol. 11 ezebit bhala *Invito pagamento*. Express Trailers hallsu (fol. 14-15) u hadu lura l-flus minghand Through Transport Insurance li gew surrogati fid-drittijiet taghhom Dok. E fol. 18. Huma kienu zammew lill-konvenuti responsabbli. Andrew Zammit u Raymond Polidano, id-*drivers*, kienu ghamlu rapport lill-Pulizija Taljana fuq is-serqa.

**Frans Vella,** Direttur tas-socjeta' Express Trailers, xehed li l-konvenuti kellhom jittowjawlhom *trailer* ghal Belgju. Wara kienu infurmawh li dana t-trailer kien insteraq. Kien informa lill-insurance. Hu kien gie mgieghel ihallas il-Vat mill-Awtoritajiet Taljani ghalhekk awtorizza lill-agenti tieghu f'Reggio biex ihallsu lid-

Dwana mbaghad ghamel *claim* ghalihom ma' *l-insurance*. Huma kienu wasslu t-*trailer* sa Reggio, u minn Reggio ghal Belgju kellhom iwassluh il-konvenuti.

**Andrew Zammit** xehed li hu kellu xufier iehor mieghu meta kienu qed igorru dana t-*trailer*. L-incident gara Salerno. Hu rrakkonta kif gara l-incident (ara rapport li huma ghamlu lill-Pulizija).

**KONTESTAZZJONI**

Fl-eccezzjoni taghhom il-konvenuti qalu li huma mhux responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur billi ma kien hemm ebda negligenza *da parti* tas-socjeta' konvenuta.

Minn naha l-ohra l-atturi qed jissottomettu li l-konvenuti kienu negligenti billi d-*drivers* taghhom ma qaghdux ghall-*instructions* li kienu nghataw mill-Express Trailers lid-*drivers*.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi fil-kaz in-ezami Express Trailers Limtied kienu nkarigu lis-socjeta' konvenuta biex jittrasportaw konsenja *jeans* minn Malta ghal Belgju in segwitu ghal inkarigu moghti lilhom minn VF (Malta) Limited taht il-kondizzjonijiet ta' garr maghrufa bhala CMR Rules.

Taht dawn ir-regoli "*the carrier is liable for loss or damage unless he can bring himself within the scope of the listed defences. Most carriers of goods by road are liable for negligence at common law (Charlesworth Mercantile Law p. 555).*

L-artikolu 17 Kap 1V *Liability of the Carrier* tas-CMR *Rules* jghid*:*

1. *The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for the damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery.*
2. *The carrier shall, however, be relieved of liability if the loss, damage or delay was caused by the wrongful act or neglect of claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as the result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*

Imbaghad l-artikolu 29 jipprovdi li:

1. *The carrier shall not be entitled to avail himself of the provisions of this chapter which exclude or limit his liability or which shift the burden of proof if the damage was caused by his willful misconduct or by such default on his part as, in accordance with the law of the court or tribunal seized of the case, is considered as equivalent to willful misconduct.*
2. *The same provision shall apply if the willful misconduct or default is committed by the agents or servants of the carrier or by any other person of whose services he makes use for the performance of the carriage, when such agents, servants or other persons are acting within the scope of their employment….*

Frans Vella xehed (fol. 38) u rrefera ghall-ittra datata 6 ta' Jannar, 1995 (*Truck with two drivers*) mibghuta minn Express Trailers lil A. Zammit & Sons, u ghall *instructions* li ghaddew lill-kuntrattur Zammit u ghall-Manual *for Drivers/Subcontractors* li jaghtu lid-*drivers* u lis-*sub-contractors*.

Hu ghamel riferenza ghall *Instructions to all drivers with regard to….*

***SAFETY/SECURITY CHECKLIST***

1. *During stops vehicles must NOT be left unattended at any time unless parked in a recognized guarded lorry park with 24 hrs surveillance. This rule must be strictly enforced in Italy.*
2. *Ensure that the vehicle cab be locked and windows closed when vehicle is parked in an approved area.*

Skond ir-rapport li kien sar l-Italja lill Pulizija mid-*drivers* intqal hekk dwar kif grat il-*hold up*:

"*Alle ore 04,30 odierne siamo giunti nell'area di servizio Agip di Pontecagnano dove io, Zammit Andrew, che al momento si trovava alla guida, mentre il mio amico Polidano Raymond era sdraiato sul lettino che dormiva, fermavo appunto il camion per soddisfare un bisogno corporale. Appena arrestavo il camion, mi accingevo a scendere dallo stesso quando improvvisamente sopraggiungeva un individuo con il volto coperto da passamontagna, recando nella mano destra una pistola, il quale sotto la minaccia della stessa mi obbligava a spostarmi dal camion, cosa che io ho fatto. Nello stesso momento sopragiungeva altro individuo sempre con il volto coperto da passamontagna ed armato di pistola, associandosi al suo amico. Mentre avveniva cio il mio amico, che nel frattempo si era svelgiato, ha cercato di porsi alla guida del mezzo per allontanarsi, quando improvvisamente uno dei rapinatori con mossa fulminea si avvicinava alla cabina e sotto la minaccia della pistola lo obbligava a scendere dal camion. Subito dopo sopragiungevano due autovetture FIAT CROMA di colore scuro ed una FIAT TIPO di colore bianco con abbordo due-tre giovani I quali dopo aver lasciato le due vetture a circa 4-5 metri da noi, si allontanavano velocement. Uno dei due che ci tenevano sotto la minaccia della pistola apriva il bagagliaio della FIAT*

*TIPO intimando a me Zammit Andrew ad entrare all'interno, mentre il mio amico Polidano Raymond lo facevano sedere sul sedile posteriore della stessa auto, ripartendo a forte velocita indirezzione di Salerno"*.

L-attur qed jissottometti li d-*drivers* imqabbda mill-konvenuti kienu negligenti billi huma ma kienux qed isegwu l-*instructions* li kienu gew moghtija specjalment meta ma hallewx it-*truck* mghasses fl-*lorry park* u t-*truck* ma kienx imsakkar meta waqqfu.

Fil-fatt jirrizulta mill-provi li wiehed mid-*drivers* kien waqqaf il-*truck f'station* minhabba bzonnijjiet naturali, u ma waqafx f'*guarded lorry park*. *Inoltre*, meta hu nizel mit-*truck*, dan ma kienx imsakkar, u *d-driver* l-iehor kien rieqed u mhux qieghed ghassa mat-*truck*.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li d-*drivers* imqabbad mill-konvenuti kienu negligenti u ghalhekk responsabbli ghall-akkadut. Il-konvenuti ghalhekk huma responsabbili minhabba inadempjenza kuntrattwali u negligenza.

**Danni**

Kwantu ghad-danni reklamati mill-attur dawna jirrizultaw mill-provi. L-ammont hu dovut fl-intier tieghu a bazi ta' l-istess CMR Rules billi dawn jipprovvdu li fi-*Quantum of Compensation Criteria Art 23 (4) "the carriage charges, Custom duties and other charges incurred in respect of the carriage of the goods shall be refunded **in full** in case of total loss* ……"

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu lil-attur nomine s-somma ta' Lm18,423.00 *in linea* ta' danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici u lilu mhallsa.

Bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sad-data tal-hlas effettiv;

u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**